MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 353/2003

**Karen sive Carrie Ann Guntrip**

**Vs**

**Paul Guntrip**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' mitejn u seba' u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm227.50), seba' pagamenti mensili ta' Lm32.50 ghall-perjodu bejn Awissu 2002 u Frar 2003, liema ammont huwa dovut ai termini tal-klawzola numru 9(7) tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 18 ta' Ottubru 2001 atti Nutar Dottor Marco Farrugia.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha ecepixxa li:

1. L-attrici kisret il-kondizzjonijiet tas-separazzjoni personali kif mfissra fl-artiklu 6(1) billi qed tikkoabita ma' haddiehor.

2. Il-konvenut qed jipprocedi kontra l-attrici ghar-rexxissjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni in toto jew in parti ghar-raguni premessi kif ukoll ragunijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Mill-atti jirrizulta b'mod inekwivokabbli li l-konvenut ma baqax jaghmel il-pagamenti li obbliga ruhu skond klawzola 9[7] tal-kuntratt ta' separazzjoni [ara fol. 6 tal-process]. Irrizulta li l-ahhar pagament li sar mill-konvenut kien dak ta' Lulju 2002 meta hallas is-somma ta' tletin lira Maltija [Lm30].

2. Il-kwistjoni dwar jekk il-konvenuta kisritx il-kondizzjoni numru 6(1) tal-kuntratt ta' separazzjoni ma tincidi bl-ebda mod fuq l-obbligu tal-konvenut li jhallas id-dejn. L-obbligu tal-hlas ma sarx taht il-patt u kondizzjoni li l-attrici ma tesponiex lil binha ghal *"sitwazzjonijiet mhux naturali jew skandaluzi jew li jnaqqsu il-valuri morali jew civili tat-tifel"* [klawzola numru 6(6) tal-kuntratt ta' separazzjoni a fol. 4]. Kwistjoni li ghandha tigi nvestigata mill-Qorti kompetenti u zgur mhux minn dan it-Tribunal li l-kompetenza tieghu hija limitata ghal *money claims*.

3. Dwar it-tieni eccezzjoni lanqas ma tressqet prova li l-konvenut intavola proceduri quddiem il-Qorti kompetenti li permezz taghhom qieghed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba ta' l-attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u seba' u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm227.50), bl-imghax kif mitlub.

Spejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------